MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 26/2010

**A B ammessa ghall-beneficju tal-ghajnuna legali b'digriet numru 177/09 f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri uliedha C u D E b'digriet tat-8 ta' Gunju 2010**

**-vs-**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tal-15 ta' Marzu 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti F G u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2010, il-Prokuratur Legali Doreen Aquilina giet sostitwita bil-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti u l-intimat izzewgu fit-22 ta' Lulju 1995.

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli minhabba f'sevizzi, theddid u ingurji gravi da parti tal-intimat, kif ukoll minhabba f'inkompatibilita' ta' karattru.

Illi minhabba l-atteggjament tal-intimat li kien ukoll isawwat, jhedded u jghajjar lir-rikorrenti, apparti li jhalli lilha u lill-minuri neqsin minn kollox, ir-rikorrenti giet kostretta tallontana ruhha mid-dar matrimonjali. Oltre dan l-intimat issa halla ukoll il-pajjiz.

Illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment.

Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ghandhom zewg ulied minuri C ta' 11-il sena u D E ta' 9 snin.

Illi r-rikorrenti giet awtorizzata b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat 23 ta' Novembru 2009 biex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-intimat (Dok. A).

Illi l-fatti hawn fuq dikjarati tafhom hi personalment.

Ghaldaqstant l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-intimat, billi huwa rrenda ruhu hati fil-konfront taghha ta' sevizzi, theddid u ingurji gravi, kif ukoll minhabba f'inkompatibilita' ta' karattru, u tawtorizza lill-esponenti tghix separata minn ma' zewgha.

Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri imsemmija tigi fdata f'idejn l-esponenti.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-wild minuri msemmi retta alimentarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li jidhrilha xierqa.

Tiddikjara xolta u terminata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-oggetti formanti l-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi stabbilit u ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat u dan okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba bl-opera ta' periti nominandi.

Tordna li l-beni dotali u parafernali tal-esponenti jigu assenjati lilha.

Tordna id-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez tal-prezenti, kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat id-digriet tal-15 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu gew nominati Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala kuratrici ghall-assenti F G.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu, il-Qorti rrevokat il-hatra tal-Prokuratur Legali Doreen Aquilina u hatret minflokha lill-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Gunju 2010 fejn il-Qorti nnominat lill-istess A B bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri. Fl-istess seduta ukoll, il-Qorti nnominat lil Dr. Fransina Abela bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi f'din il-kawza.

Ikkunsidrat illi f'din il-kawza A B qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejnha u zewgha u dan minhabba tortijiet imputabbli lill-istess zewgha F G, illum assenti.

Jirrizulta mill-provi prodotti li l-mara f'din il-kawza kienet, tul iz-zwieg taghha, vittma ta' diversi tipi ta' ngurji u mohqrija. Minhabba l-vjolenza fizika u morali ezercitata fuqha u fuq uliedha, l-istess zewgha qatt ma kien ta'

sostenn ghaliha fit-trobbija tal-ulied. Sahansitra, dejjem hadmet hi biex tkopri l-bzonnijiet tal-ulied. Tal-ghageb il-fatt li, kif stqarret hi, gieli spiccat thallsu biex jindokra t-tfal sakemm hi tkun ix-xoghol.

Fil-kuntest ta' talba ghall-alimenti ma ngabu lill-Qorti ebda provi dwar qliegh u bzonnijiet la tal-omm u lanqas tal-missier. Ghalhekk il-Qorti qed tiffissa, arbitrio boni viri, is-somma ta' mija u hamsin Ewro (€150) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri li ghandu jithallas mill-missier.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti ma ssib ebda diffikulta' biex tilqa' t-talbiet taghha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C u D E f'idejn ommhom;

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut jghaddi lill-attrici ghal uliedhom is-somma ta' mija u hamsin Ewro (€150) kull erba' gimghat;

4. Tilqa' r-raba talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, b'dana illi d-djun ezistenti jithallsu mir-ragel;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba;

6. Tilqa' s-sitt talba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn F G.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------